


# Konservazzjoni u Restawr tal-Istatwa Titulari tal-Injam Polikromat ta' Sant'Elena

**Atelier del Restauro**

Il-Kavallier Vincenzo Borg Brared kien wieħed mill-benefatturi ewlenin tal-Bażilka ta' Sant'Elena, u kienet ix-xewqa ta' ħajtu li jagħti statwa proċessjonali tal-qaddisa patruna lill-knisja tar-raħal tiegħu. Din il-ħolma bdiet isseħħ meta kien iffirmat il-kuntratt bejnu u l-iskultur Salvatore Psaila, nhar is-26 ta' Awwissu 1833. Psaila ħa erba snin biex naqax, żebagħ u indura l-istatwa. Din iddahlet fil-Bażilka fit-18 ta' Lulju 1837. Wara 82 sena, fl-1919 l-istatwa kienet reġgħet ġiet indurata u miżbugħa mill-ġdid minn Francesco Coleiro tal-Belt. Maż-żmien saru għadd ta' interventi ta' restawr fuq l-istatwa. L-uniku wieħed dokumentat kien dak minn Michael Camilleri Cauchi fl-1989, fejn sar intervent fuq l-polikromija tal-wiċċ, l-idejn, ir-riġlejn u l-ermellin tal-mant.

*Atelier del Restauro* agħmlu l-konservazzjoni u r-restawr tal-istatwa titulari ta' Santa Liena permezz ta' metodu bbażat fuq l-għarfien tal-materjali, it-teknoloġija u l-kawzi tad-deterjorament, u bl-użu ta' trattamenti li jiffavorixxu l-konservazzjoni tal-istatwa fit-tul. L-injam instab fi stat tajjeb ta' konservazzjoni.

Kien hemm xi xquq żgħar ikkawżati bi pressjonijiet fiżiċi interni fuq l-injam minħabba għadd ta' fatturi fosthom il-kontrazzjoni u l-espansjoni tal-injam innifsu minħabba kambjamenti ' fit-temperatura u l-umdità ambjentali.

Instab li f'xi nħawi l-polikromija u l-induratura ma kinux fi stat tajjeb. Minħabba l-assorbiment ta' umdità u l-moviment naturali tal-injam, kien hemm fejn ż-żebgħa, l-induratura u l-istrati tal-ġibs inqalghu minn ma l-injam,. Kien hemm trab akkumulat fuq l-istatwa kollha, l-aktar fil-ġmiegħ tal-panniġġi.

Ġie osservat li kien hemm akkumulazzjonijiet ta' mikro-partiċelli suwed, l-aktar fuq il-mantell l-aħmar u madwar id-dekorazzjoni induratta mqabbża. Dan kien ikkawżat minn musketterija li tinħaraq waqt il-purċissjoni. Għalhekk huwa assolutament meħtieġ li jkun projbit il-ħruq ta' logħob tan-nar waqt li l-istatwa tkun barra fil-purċissjoni. Dan jassigura li s-saff polikromat u indurat ikunu ppreservati aktar fit-tul.

Meta l-istatwa kienet eżaminata taħt ir-raġġi ultravjola *(UV light)* dehret florexxenza bajda opaka li kienet turi l-prezenza ta' passata ħoxna ta' verniċ li kienet ingħatat lill-istatwa kollha fl-aħħar intervent li kien sarilha biex taqla' aktar il-kuluri u l-induratura. Atelier del Restauro beda l-ħidma impenjattiva ta' interventi ta' konservazzjoni u restawr fi Frar 2014.

Il-metodoloġiji u l-prodotti wżati fit-trattamenti li saru fir-restawr kienu orjentati għal interventi skond l-etika u l-prinċipji moderni tal-konservazzjoni, li jinkludu li l-interventi jibqgħu jingħarfu, ikunu reversibbli, ikunu kompatibbli, u limitati biss ghal dak li hu inevitabilment necessarju, filwaqt li tinżamm il-patina li tirfletti l-antikita ta' l-opra tal-arti.

Bħala l-ewwel pass kien deċiż li jitwaħħlu u jkunu kkonsolidati l-partijiet tas-saffi preparatorji u l-polikromija li kienu qed jinqalgħu. Ix-xquq fl-injam kienu kkonsolidati permezz ta' injezzjonijiet ta' *epoxy-resin* magħmul minn żewġ komponenti, magħmulin apposta għall-milli ta' xquq jew fili u t-tagħqid ta' oġġetti tal-injam li jkunu suġġetti għal ċaqliq minn varjazzjonijiet ta' umdità u temperatura. L-intervent tat-tindif kien immirat lejn l-użu ta' diversi metodoloġiji, skond is-sitwazzjoni misjuba, u saru diversi provi ta' tindif.

Ix-xogħol paċenzjuz tal-intervent ta' tindif reġa' wera kuluri mill-isbaħ, l-aktar il-kulur aħmar brillanti aktar ċar tal-mantell, flimkien mal-disinn rikk ta' motivi indurati u sgraffiti. Kisja griża ossidata ma kinitx qed tħalli jidher il-kulur tal-kmiem minn ġewwa, u meta tneħħiet deher kulur ikħal ċar mill-isbaħ b'disinn sgraffit.



Waqt l-intervent tagħna, fuq il-partijiet fejn l-induratura kienet nieqsa, segwejna t- teknika originali. Intużat folja tad-deheb ta' 23$^{3/4}$kt dopju u boll Armen isfar u aħmar. Wara ingħatat patina ħafifa fuq fejn saret l-induratura ġdida biex l-intervent jintegra estetikament mal-induratura oriġinali.

Re-integrazzjoni taż-żebgħa saret biss fejn kien hemm brix jew kienet nieqsa biex ikun hemm integrazzjoni kromatika tal-polikromija tal-istatwa, permezz ta' kuluri b'bażi ta' ilma u t-teknika mimetika. Fl-aħħar l-istatwa ngħatat il-verniċ, billi ntużat reżina sintetika li għandha reżistenza qawwija għaż-żmien u temperaturi għoljin, kif ukoll propjetajiet ottiċi tajbin. Il-materjali kollha wżati fil-konservazzjoni u restawr tal-istatwa ta' Sant'Elena għandhom il-karatteristika ta' riversibilità u kull fażi tal-proġett kienet iddokumentata fotografikament.

Il-proġett sar skont il-prinċipji etiċi għall-protezzjoni u preservazzjoni ta' opri tal-arti tal-Kodiċi tal-Etika tal-Konfederazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet tal-Konservaturi u Restawraturi (E.C.C.O). Il-proġett ħa ħafna ħin ta' xogħol ta' ħafna dettall, li sar kollu kemm hu biex l-opra tal-arti ma tkunx ittrattata biss estetkament iżda wkoll mil-lat ta' materjali.

Dan il-proġett kien possibbli li jsir, grazzi għall-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena, il-prokuratur is-Sur Emanuel Sammut, l-Għaqda tal-Armar Sant'Elena, il-Kazini u il-kollaboraturi kollha tal-knisja u l-komunità parrokkjali ta' Birkirkara. Ħajr ukoll lis-Sur Michael Formosa, konservatur tal-injam, għall-'monitoring' ambjentali tan-niċċa u għall-analiżi xjentifiċi li għamel fuq il-kampjuni tal-injam u ż-żebgħa.

Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena ser jippubliika ktejjeb informattiv bid-dettalji kollha dwar ix-xogħol tar-Restawr u Konservazjoni li sar fuq lis-stawta u l-Induratua tal-pedestall. Se jkun jinkludi ukoll diversi ritratti bil-kulur. Kulhadd mħeġġeġ biex jakwistah.

**VALENTINA LUPO** B.CONS. (HONS)
**DOTT.SSA MARIA GRAZIA ZENZANI**